# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 5 t'April, 2001.

Kawza Nru. 39.
Citazz. Nru. 1872/00 JRM

**Carmen CARUANA fil-kwalita' taghha ta' legittimu rappresentanti ta' bintha minorenni Christian CARUANA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-15 ta' Setembru, 2000, li bih l-attrici *nomine* ppremettiet:

Illi l-attrici nomine hija omm il-minuri Christian Caruana, kif jidher mill-att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv hamest elef sitt mija u sebgha u hamsin (5657) li kopja tieghu tinsab mehmuza bhala dok “JS1” mal-anness Inkartament tal-Avukat Ghall-Ghajnuna Legali (Dok A);

Illi fl-imsemmi att tat-Twelid tal-minuri Christian Caruana hemm zball fis-sens illi taht l-intestatura “Ismijiet imhollijin” ta’ l-istess minuri, gie eronjament indikata l-isem taghha “Christian” meta l-isem maghzul u li bih kellha tkun u hija maghrufa l-minuri kellu jkun “Christianne” u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk l-attrici nomine talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li fl-Att tat-Twelid tal-minuri Christian Caruana li jgib in-numru progressiv hamest elef sitt mija u sebgha u hamsin (5657) hemm zball fis-sens illi taht l-intestatura “Ismijiet moghtijin” ta’ l-istess minuri, gie eronjament indikata l-isem taghha “Christian” meta l-isem maghzul u li bih kellha tkun u hija maghrufa l-minuri kellu jkun “Christianne” u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-imsemmi Att tat-Twelid biex jitnehha l-imsemmi zball;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attrici *nomine* flimkien ma’ l-inkartament mehmuz maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fit-23 t'Ottubru, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it- talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-korrezzjoni tal-isem ghandha tigi riflessa kemm fil-kolonna li tirreferi ghall- "Ismijiet Moghtija" kif ukoll fil-kolonna li tirreferi ghall- "Isem jew Ismijiet kif ghandha tissejjah";

3. Illi fi kwalnkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 5657/1984 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-22 ta' Novembru, 2000, li bih wettqet il-bidliet fl-atti kif mitluba mill-attrici *nomine;*

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2000 li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax isem l-wild tal-attrici proprio huwa registrat b'mod zbaljat fl-Att tat-Twelid tal-istess wild li jgib in-numru 5657/1984 [Dok f'pagna 10 tal-process];

Illi l-attrici ma ressqet l-ebda provi dwar it-talba taghha u, ghajr ghad-Dikjarazzjoni mahlufa minnha meta fethet il-kawza, ma xehditx. Minbarra dan, lanqas tressqu dokumenti ohrajn, imqar mal-Inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali li jitfghu dawl izjed car dwar il-fatt dikjarat;

Illi, madankollu, l-imsemmi Att tat-Twelid innifsu jiddikjara, fil-kolonna relattiva, li t-tarbija kienet tifla, u li l-isem li t-tarbija jidher li nghatat ma jikkorrispondix ma' isem ta' tifla, imma ma' isem ta' tifel;

Illi, ukoll skond ma jghid l-Att tat-Twelid, d-dikjarazzjoni tat-twelid saret minn zewg l-attrici u missier l-istess tarbija;

Illi, fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut jghid li l-attrici *nomine* kien messha talbet ukoll it-tiswija fl-izball ukoll taht il-kolonna intestata "*Isem jew Ismijet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*". L-attrici *nomine* ma dehrilhiex li kellha taghmel xi rejazzjoni ghal din l-eccezzjoni, u ghalkemm il-Qorti tifhem dik l-eccezzjoni, hija tqis li r-rieda tal-attrici *nomine* kienet dik murija minnha fl-Att tac-Citazzjoni u riflessa fit-talba taghha. Mhux fis-setgha ta' din il-Qorti tiddeciedi izjed minn dak li jintalab bla ma tkun qeghda tindahal fi hwejjeg *ultra petita*;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Att ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem il-minuri jkun konformi mal-*gender* taghha, u b'hekk jehlisha minn kull problema li jista' jinholqilha bl-isem kif muri fl-Att tat-Twelid taghha mqabel mal-*gender* taghha;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fuq dan il-mertu wahdu, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li ma giex muri li l-izball kien jahti ghalih il-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, billi tiddikjara li fl–Att tat- Twelid numru 5657 tal-1984 hemm zball fis-sens illi, taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin", isem it-tarbija ghandu jkun "**Christianne**" u mhux "Christian", kif jidher attwalment;

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir it-tiswija tal-imsemmi zball f'dik l-intestatura;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici *nomine* kif imfisser fl-artikolu 920 tal-Kap 12.

*5 t'April, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**5 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 t'April, 2001.**